MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2010

Numru 1130/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**Vs.**

**Abdalla Mahamud Abdirahmaan**
**Hassan Mohamed Weliyo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Abdalla Mahamud Abdirahmaan ta’ 25 sena, iben Abdirahman Mahamud Ahmed u Hasna Ali Mohamed, imwieled is-Somalia nhar it-08/10/1984 u residenti gewwa l-Marsa Open Centre, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 31730A.

U

Hassan Mohamed Weliyo ta’ 20 sena, iben Mahamed Weilya Siyad u Habibo Ahmed Adam, imwieled is-Somalia nhar il-21/03/1989 u residenti gewwa Hal-Far Hanger Open Centre, Hal-Far, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 52804A.

Billi huma akkuzati talli:

Abdalla Mahamud Abdirahmaan wahdu nhar l-4 ta’ Ottubru 2009 f’xi hin wara l-4:30 ta’ filghaxija gewwa Hal-Far Tent Village dolozament bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe’ li minhajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Osman Hassan Mohamed u persuni ohra f’periklu car, ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Osman Hassan Mohamed;

Hassan Mohamed Weliyo wahdu talli nhar l-4 ta’ Ottubru 2009 f’xi hin filghaxija gewwa Hal-Far Hanger Centre dolozament, bil-hsieb li jghamel delitt u cioe’ li minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Jama Ahmed Omar u persuni ohra f’periklu car, ikkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Jama Ahmed Omar;

Akkuzati it-tnejn li huma talli nhar l-4 ta’ Ottubru 2009 gewwa Hal-Far, hadu parti f’gemgha ta’ ghaxra minn nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jghamlu reat, ghalkemm dik il-gemgha ta’ nies ma tkunx giet mxewxa minn hadd in partikolari;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi heddew bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddbuhom jew qabdu armi ohra kontra diversi persuni;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kissru il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat, glied jew mod iehor.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali li jinsab a fol. 11 tal-Process u nnutat li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum, l-imputati, fil-presenza tal-interpreti mahtura mill-Qorti u bl-assistenza tal-istess interpreti, iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti, tramite l-interpreti mahtura minnha, wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta’ l-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija tramite l-istess interpreti jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati tramite l-istess interpreti wiegbu li huma hatja ‘ l-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Abdalla Mahamud Abdirahmaan l-artikoli 17, 214, 216, 68(2), 339(1)(b) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat fil-konfront tal-imputat Hassan Mohamed Weliyo l-artikoli 17, 221, 68(2), 339(1)(b) u 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputati Abdalla Mahamud Abdirahmaan u Hassan Mohamed Weliyo, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta ta’ l-imputati u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputati Abdalla Mahamud Abdirahmaan u Hassan Mohamed Weliyo ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija kull wiehed u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputati Abdalla Mahamud Abdirahmaan u Hassan Mohamed Weliyo jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputati Abdalla Mahamud Abdirahmaan u Hassan Mohamed Weliyo b’obbligazzjoni personali ta’ elf u hames mitt Euro (Euro 1500) kull wiehed li jzommu l-kwiet ma’ Osman Hassan Mohamed u Jama Ahmed Omar u li jzommu il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Abdalla Mahamud Abdirahmaan u Hassan Mohamed Weliyo l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------